

32003D0812

22.11.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 305/17

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2003

li tifformula lista ta' pajjiżi terzi minfejn l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti għall-konsum mill-bnedmin bla ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 4181)

(Test b'relevanza għall-FEE)

(2003/812/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tniżżel il-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti li m'humiex suġġetti għall-ħtiġijiet stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità skond l-Anness A(1) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/721/KE ⁽²⁾, partikolarment l-Artikolu 10(2)(a) tiegħu,

billi:

- (1) Id-Direttiva 92/118/KEE tordna regoli tal-Komunità dwar il-ħtiġijiet għas-saħħa ta' l-animall u s-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE tat-18 ta' Marzu 1994 li jniżżel il-pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti bla ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE ⁽³⁾, kif emendat bid-Deċiżjoni 2003/235/KE ⁽⁴⁾, iniżżel il-pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti bla ħsara għad-Direttiva 92/118/KE, inklużi prodotti mhux intiżi għall-konsum mill-bnedmin.
- (3) Ir-Regolament (KE) Numru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 iniżżel regoli tas-saħħa li jikkonċernaw prodotti sekondarji ta' l-annimali li m'humiex intiżi għall-konsum mill-bnedmin ⁽⁵⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Numru 808/2003 ⁽⁶⁾, jordna regoli tal-Komunità dwar prodotti ta' l-annimali li m'humiex intiżi għall-konsum mill-bnedmin. Id-data li jidħlu fis-seħħ iċ-ċertifikati mudelli tas-saħħa previsti fir-Regolament (KE) Numru 1774/2002 hija l-1 ta' Jannar 2004.

- (4) Id-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2002 li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/EEC u 92/118/KE dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali ⁽⁷⁾, emendat b'mod kbir id-Direttiva 92/118/KEE biex jiġi limitat l-iskop għall-prodotti intiżi għall-konsum mill-bnedmin.
- (5) Huwa neċessarju li wieħed jikkonsidra li l-Istati li ser isiru membri huma skedati li jidħlu fl-1 ta' Mejju 2004.
- (6) Għall-iskopijiet ta' ċarezza u konsistenza fil-leġislazzjoni tal-Komunità, id-Deċiżjoni 94/278/KE għandha tiġi mħassra u mibdula bid-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-annimali intiżi għall-konsum mill-bnedmin bla ħsara għad-Direttiva 92/118/KEE minn pajjiżi terzi jew minn partijiet minn pajjiżi terzi jew territorji skond il-lista fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 94/278/EC hija mħassra.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2004.

⁽¹⁾ ĠU L 62, tal-15.03.93, p. 49.⁽²⁾ ĠU C 260, tal-11.10.03, p. 21.⁽³⁾ ĠU L 120, tal-11.05.94, p. 44.⁽⁴⁾ ĠU L 87, ta' l-4.04.03, p. 10.⁽⁵⁾ ĠU L 273, ta' l-10.10.02, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 117, tat-13.05.03, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 315, tad-19.11.02, p. 14.

L-Artikolu 4

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fis-17 ta' Novembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Il-listi li ġejjin huma listi fil-prinċipju u kull importazzjoni għandha taderixxi mal-ħtiġijiet rilevanti tas-saħħa pubblika u s-saħħa ta' l-annimali

Listi ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-annimali intiżi għall-konsum mill-bnedmin

PARTI I:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi min fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam *leporidae* (fenek u liebru) u l-prodotti tal-laħam tagħhom

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżlin taħt il-kolonna "Fenek domestiku u *leporidae* mrobbi" fit-tabella f'Parti II ta' l-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE ⁽¹⁾ u taħt il-kolonna "*Leporidae* (fenek u liebru)" fit-tabella fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/585/KE ⁽²⁾.

PARTI II:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti ta' selvaġġina bil-fēr imrobbijin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżlin taħt il-kolonna xierqa "2. selvaġġina mifruqa bid-difer imrobbijin (ħlief ħnieżer)" jew "selvaġġina mifruqa bid-difer selvaġġi (ħlief ħnieżer)" fit-tabella f'Parti II ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 97/222/KE.

PARTI III:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam selvaġġina bir-rix imrobbijin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi skond il-kolonna xierqa "2. Selvaġġina bir-rix imrobbija" jew "Għasafar selvaġġini selvaġġi" fit-tabella f'Parti II ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 97/222/KE.

PARTI IV:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' bajd intiż għall-konsum mill-bnedmin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE ⁽³⁾.

PARTI V:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' bajd intiż għall-konsum mill-bnedmin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi fl-Anness tad-Deċiżjoni 94/85/KE u l-pajjiżi li ġejjin:

| Kodiċi ISO | Pajjiż |
|------------|---------------|
| AL | L-Albanija |
| EE | L-Estonja (*) |
| GL | l-Groenlandja |
| HK | Hong Kong |
| IN | l-Indja |

⁽¹⁾ ĠU L 89, ta' l-4.04.97, p. 39.

⁽²⁾ ĠU L 251, tas-6.10.00, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 44, tas-17.02.94, p. 31.

| Kodiċi ISO | Pajjiż |
|------------|--|
| MK (**) | Ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja |
| MX | Il-Messiku |
| NC | New Caledonia |
| RU | Ir-Russja |
| CS | Serbja u Montenegro |
| SG | Is-Singapor |

(*) Applikabbli biss sa meta dan l-Istat isir membru sħieħ tal-Komunità.

(**) Kodiċi ISO proviżorju bla ħsara għan-nomenklatura definittiva ta' dan il-pajjiż, li għandu jiġi deċiż wara li jiġu konklużi n-negożjati kurrenti fuq din il-kwistjoni fin-Nazzjonijiet Uniti.

PARTI VI:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' bebbux intiż għall-konsum mill-bnedmin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi f'Parti I u Parti II ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE ⁽¹⁾ u l-pajjiżi li ġejjin:

| Kodiċi ISO | Pajjiż |
|------------|--|
| BA | Bosnja-Erzegovina |
| MD | Il-Moldova |
| MK (*) | Ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja |
| SK | l-Islovakkja (**) |
| SY | Is-Sirja |
| UA | L-Ukrajna |

(*) Kodiċi ISO proviżorju bla ħsara għan-nomenklatura definittiva ta' dan il-pajjiż, li għandu jiġi deċiż wara li jiġu konklużi n-negożjati kurrenti fuq din il-kwistjoni fin-Nazzjonijiet Uniti.

(**) Applikabbli biss sa meta dan l-Istat isir membru sħiħ tal-Komunità.

PARTI VII:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tar-riġlejn taż-żrinġ intiż għall-konsum mill-bnedmin

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżlin f'Parti I u Parti II ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 97/296/KE u l-pajjiżi li ġejjin:

| Kodiċi ISO | Pajjiż |
|-------------------|--|
| BA | Bosnja-Erzegovina |
| EG | l-Eġittu |
| MK ⁽¹⁾ | Ir-Repubblika ex-Jugoslava tal-Maċedonja |

⁽¹⁾ Kodiċi ISO proviżorju bla ħsara għan-nomenklatura definittiva ta' dan il-pajjiż, li għandu jiġi deċiż wara li jiġu konklużi n-negożjati kurrenti fuq din il-kwistjoni fin-Nazzjonijiet Uniti.

PARTI VIII:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ġelatina intiż għall-konsum mill-bniedem

Pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżlin f'Parti 1 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ⁽¹⁾ u l-pajjiżi li ġejjin:

| Kodiċi ISO | Pajjiż |
|------------|-------------------|
| KR | Korejas Republika |
| MY | Malaizija |
| PK | Pakistan |
| TW | Taivana |

PARTI IX:

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ġhasel u ġelatina rjali intiż għall-konsum mill-bnedmin

Il-pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżlin fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE ⁽²⁾ bil-marka "X" fil-kolonna "Għasel".

⁽¹⁾ ĠU L 146, ta' l-14.06.79, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 51, ta' l-24.02.00, p. 30.